MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 423/1999/1

**Rita Schembri**

**vs**

**Emmanuel Schembri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ilhom mizzewga mis-sena 1989, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn esebit u mmarkat Dok. “A”, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li huma, Twain ta’ tminn snin u Clive t’ erba’ snin.

Illi l-hajja mizzewga ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba nkompatibilita’ ta’ karattru, kif ukoll

minhabba sevizji li jinkludu swat u ngurji gravi da parti tal-konvenut zewgha.

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut zewgha u ghal dan l-iskop otteniet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, l-awtorizzazzjoni mehtiega ghal din il-procedura u dan skond digriet datat 12 ta' Jannar 1999, li kopja tieghu giet esebita u mmarkata bhala Dok. “B”.

Illi l-attrici tixtieq titlob ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u dan mhux neccesarjament fi kwoti ugwali.

llii l-attrici tixtieq titlob li l-kura u l-kustodja ta' uliedha l-minorenni tigi fdata f'idejha.

llii l-attrici tixtieq titlob li l-konvenut zewgha jhallasha retta alimentarja adegwata u dan kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha l-minorenni.

Illi l-attrici tixtieq li jkollha d-dritt esklussiv li tirrisjedi fid-dar konjugali ta' Block I, Flat 3, Binja Vista, Triq G. Dimech Debono, B'Kara, u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut zewgha.

Illi *ai termini* ta' l-imsemmija awtorizzazzjoni l-attrici qeghda tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut zewgha.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

I. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizji li jinkludu swat u ngurji gravi da parti ta' l-istess konvenut;

2. tordna xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti;

3. tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u tassenja parti wahda lill-aftrici u ohra llil-konvenut, u dan mhux necessarjament fi kwoti ugwali;

4. tordna li l-kura u l-kustodja ta’ ulidehom il-minorenni Twain u Clive tigi fdata f’idejn i-attrici;

5. tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja xierqa u adegwata u dan kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha l-minorenni;

6. tiddikjara illi l-attrici ghandha d-dritt esklussiv li tghix fil-fond Block I, Flat 3, Binja Vista, Triq G. Dimech Debono, B’Kara;

7. tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali tieghu kif provdut fl-Artikoli 48, 50, 51 u 52 tal-Kapitolu 16 jew dawk applikabbli ghall-kaz in ezami.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat il-verbali tas-16 ta’ Settembru 1999, tas-17 ta’ Jannar 2000; tat-30 ta’ Mejju 2000; ta’ l-20 ta’ Novembru 2000; tat-12 ta’ Frar 2001 fejn giet nominata Dr. V. Galea Debono bhala Assistenta Gudizzjarja; tat-2 ta’ Novembru 2001; tal-21 ta’ Mejju 2002; tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. V. Galea Debono nfurmat lill-Qorti li l-provi gew migbura; tal-5 ta’ Frar 2003; tal-25 ta’ Frar 2003; tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tas-26 ta’ Jannar 2000 fejn talbet awtorizzazzjoni sabiex tinnotifika lil zewgha permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni; rat id-digriet tas-26 ta’ Jannar 2000 fejn il-Qorti tilqa` t-talba.

Rat l-avviz tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef. Raymond C. Pace;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tat-18 t'Ottubru 2002 fejn xehdet l-**attrici**; tal-11 ta' Novembru 2002 fejn gie pprezentat l-affidavit ta' Christopher Azzopardi; tas-27 ta' Novembru 2002 fejn xehdu Saviour Mallia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali; u Edwin Mallia bhala Senior Executive ta' l-ETC.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tissepara minn zewgha stante li l-istess kien hati versu taghha ta' swat u ingurji gravi, u wkoll il-hajja bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minhabba nkompatibbilta' ta' karattru, u dan apparti t-talbiet l-ohra kollha in konnessjoni mas-solita talba ghas-separazzjoni legali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Frar 1989 u kellhom zewgt itfal li ghadhom illum minorenni, Twain u Clive – li llum ghandhom circa tlettax-il sena u disa' snin ripettivament u ghadhom jirrisjedu ma' l-attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kwazi qatt ma pprovda lill-familja tieghu u ma kienx lest jew dispost li jzomm xoghol fiss, u dan kif jirrizulta anke mir-rekords esebiti ta' l-*Employment and Training Corporation* a fol. 49 sa 52 tal-process. Minn dawn id-dokumenti fil-fatt jirrizulta li l-istess konvenut biddel ix-xoghol diversi drabi. Illi madanakollu jizdied il-fatt li mhux biss l-istess konvenut ma kienx imantni lill-attrici u lil uliedu izda wkoll li kien jiehu l-affarijiet mid-dar u jbieghhom, apparti li f'diversi okkazjonijiet telaq mid-dar biex jghix ta' guvni. Illi dwar dan hemm ukoll ix-xhieda ta' certu Christopher Azzopardi

fl-affidavit tieghu tas-7 ta' Novembru 2002, fejn dan ix-xhud jghid li kien jghix mal-konvenut wara li dan telaq mid-dar f'garaxx fejn il-konvenut kien jorqod kuljum. Sahansistra il-konvenut jidher li kien jghix minn fuq l-istess xhud apparti li dan Christopher Azzopardi jallega li hadlu diversi affarijiet u bieghhomlu. Ghal aktar dettal il-Qorti tirreferi ghall-istess affidavit a fol. 53 tal-process.

Illi jinghad ukoll illi apparti dawn in-nuqqasijiet kollha tal-konvenut hemm allegazzjonijiet li anke huwa gieli refa' idejh fuq l-attrici, apparti li kien abbanduna d-dar konjugali sabiex jghix ma' ragel iehor, fatt li gie kkorraborat mix-xhud fuq imsemmi almenu ghal xi zmien. Illi minn dan kollu jirrizulta li din il-Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba li l-konvenut kien responsabbli ghal sevizzi nkluzi swat u ngurji gravi minnu kommessi ghad-detriment ta' l-attrici, u wkoll kien hemm inkompatibilta' ta' karattru bejn il-partijiet.

Illi t-tieni talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha wkoll tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jirrizultax li din hija possibbli peress li m'hemm ebda oggett ta' valur fl-istess komunjoni. Il-Qorti zzid tghid li jidher li l-fond matrimonjali Block 1, Flat 3, Binja Vista, Triq G. Dimech Debono, B'Kara jinsab ghand il-kontendenti b'kera mill-gvern, u dan b'applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 48 tal-kap 16** u ghandu jigi assenjat lill-attrici b'dan li l-kera fuq l-istess post ghandha tghajjat biss lill-attrici, u dan apparti dak li ser jigi pprovdut fis-sitt talba ta' l-istess citazzjoni.

Li peress li mill-provi jirrizulta li l-minuri dejjem ghexu ma' l-attrici li pprovdiet ghall-mantenement taghhom mill-assistenza socjali li hija tircievi, u minhabba cirkostanzi kif fuq pruvati tal-konvenut, din it-talba wkoll ghandha tintlaqa' u l-kura u kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

Illi dwar il-hames talba peress li ma jirrizultax li l-istess konvenut ghandhu xi kwalita ta' ntrojtu, din il-Qorti ma

tistax tilqa' din it-talba ghalkemm tirriafferma d-dritt ta' l-attrici proprju u ghan-nom ta' l-istess minuri li tesigi l-manteniment minghand il-konvenut skond id-dettami tal-ligi ta' bzonn u ntrojtu rispettivament.

Illi s-sitt u seba' talba fil-kuntest premess ghandhom ukoll jigu milqugha b'dan li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghar-rigward tas-seba' talba attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz, u b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba nkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba sevizji li jinkludu swat u ingurji gravi da parti ta' l-istess konvenut;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti;

3. Peress li mill-provi ma jirrizultax li tali komunjoni ta' l-akkwisti ghandha xi assi ta' valur (apparti l-kera tal-fond matrimonjali li ser jigi msemmi aktar il-quddiem), din il-Qorti tiddikjara li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess, b'dan pero' li nvista ta' dak fuq premess l-attrici ghandha tigi assenjata l-kera tal-fond matrimonjali Blk 1, Flt 3, Binja Vista, Triq G. Dimech Debono, B'Kara, u dan esklussivament. U tordna li ghalhekk tali kera tinqaleb fuq l-attrici u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-awtoritajiet kompetenti, tali notifika ghas-spejjez ta' l-attrici.

4. Tordna li l-kura u l-kustodja ta' uliedehom il-minorenni Twain u Clive tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici;

5. Tastjeni milli tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja xierqa u adegwata u dan kemm ghaliha kif

ukoll ghal uliedha l-minorenni u dan peress li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi forma ta’ mpjieg, b’dan pero’ li jigi dikjarat li kemm l-attrici proprju u kemm f’isem uliedha ghandha dritt ghal tali alimenti fil-parametri dettati mill-ligi, u jibqa’ riservat favur l-attrici d-dritt li tressaq tali talba fil-futur;

6. Tiddikjara illi l-attrici ghandha d-dritt esklussiv li tghix fil-fond Block I, Flat 3, Binja Vista, Triq G. Dimech Debono, B’Kara u dan flimkien ma’ wliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 55A tal-Kap 16**;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali tieghu kif provdut fl-**artikoli 48 tal-Kapitolu 16**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**